MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 2119/1995/1

**Joseph Aquilina, Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni ta' l-Entijiet Religjuzi Djocesani kollha ta' Malta ghan-nom u fl-interess il-Knisja Parrokkjali tal-Bambina Mellieha; u b' nota ta' l-1 ta' Dicembru 2000 Vincent E. Ciliberti assuma l-atti tal-kawza bhala l-Agent Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof minflok Joseph Aquilina li miet fil-mori tal-kawza; u b' nota ta' l-1 ta' Lulju 2005 l-Avukat Dr. Michelle Tabone assumiet l-atti tal-kawza bhala Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, *qua* Amministrattur tal-Beni Ekklesjastici kollha ta' Malta**

**Vs**

**Globe Electronics Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fil-5 ta' Dicembru 1995 li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fl-14 ta' Lulju 1988 gie installat mid-ditta konvenuta Radio Active Preventor Head ossia kalamita kontra s-sajjetti fuq il-kampnar tal-Knisja Parrokkjali tal-Mellieha;

U premess illi fil-15 ta' Marzu 1995 ghall-habta tas-6.30 a. m. sajjetta, nonostante l-imsemmija kalamita, laqtet il-kampnar ta' fuq ix-xellug ta' l-imsemmija Knisja Parrokkjali u kkagunat danni konsiderevoli kif jirrizulta mill-anness rapport tal-Perit Carm Lino Spiteri (Dok. A);

U premess illi dan ifisser li l-Preventor installat mid-ditta konvenuta ma pprovdiex il-"cover" li kellu jipprovdi u kwindi ma kienx adatt ghall-iskop li ghalih twahhal bir-rizultat tal-hsara li soffriet il-Parrocca tal-Mellieha;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lid-ditta konvenuta responsabbli ghall-hsara sofferta mill-Parrocca tal-Mellieha fl-okkazjoni msemmija minhabba nuqqas kuntrattwali naxxenti mit-tqeghid ta' Preventor li ma kienx kapaci jipprevjeni, kif kien mistenni u li ghalih thallset id-ditta konvenuta u ma kienx ghalhekk adatt ghall-iskop li twahhal;

2. Tillikwida dawn id-danni b' opera ta' Perit nominand; u

3. Tikkundanna lid-ditta konvenuta thallas id-danni hekk likwidati u sofferti mill-attur *nomine*;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra d-ditta konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fil-5 ta’ Frar 1996, li permezz taghha eccepixxa:-

1. Il-preskrizzjoni ta’ xahar a tenur ta’ l-Artikolu 1431 (1) tal-Kapitolu 16; il-preskrizzjoni ta’ sentejn a tenur ta’ l-Artikolu 1407 tal-Kapitolu 16 u l-preskrizzjoni ta’ hames snin a tenur ta’ l-Artikolu 2156 tal-Kapitolu 16;

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-eccipjenti ma hu responsabbli ghal ebda danni sofferti mill-attur;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet ta’ l-4 ta’ Novembru 1998 li permezz tieghu gie nominat bhala espert gudizzjarju l-Prof. Joseph A. Agius sabiex jistabbilixxi, ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domanda attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’ jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-espert nominat li tinsab a fol 179 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fis-seduta tat-28 ta’ Gunju, 2006;

Semghet lill-istess espert relatur jixhed in eskussjoni fis-seduti tas-6 ta’ Dicembru 2006 u ta’ l-14 ta’ Frar 2007;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda migbura;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Kif kien mistenni f' kawza ta' din ix-xorta l-Qorti, diversament presjeduta, innominat perit tekniku biex jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici u ta' l-eccezzjonijiet difensjonali ghalihom. Ara digriet tan-nomina ta' l-4 ta' Novembru 1998 a fol. 37. Aktar qabel b' digriet iehor tal-11 ta' Gunju 1996 l-Qorti kienet ukoll innominat perit legali pero` dan ma estenda ebda rapport fuq il-kwestjonijiet involuti ghax deherlu li la si tratta minn punt legali l-materja setghet tigi trattata u definita mill-Qorti. Ara verbal ta' l-udjenza tal-31 ta' Mejju 2006 (fol. 88);

Issa l-aspetti ta' sustanza li johorgu mill-perizja teknika (fol. 179) huma s-segwenti:-

(i) Ir-*radioactive preventor* installat fuq il-quccata tal-kampnar tan-naha tal-lemin tal-Knisja Parrokkjali tal-Mellieha ma kienx effettiv (para. 7);

(ii) Gie installat *preventor head type P4* minflok dak *P2*, kif originarjament issuggerit. Ara fir-rigward l-ittra datata 14 ta' Lulju 1988 (fol. 211) komparata ma' dik l-ohra tal-25 ta' Novembru 1987 (fol. 204), it-tnejn mibghuta mis-socjeta` konvenuta lill-Kappillan;

(iii) Is-sistema kellha suppost tkopri l-bini kollu. Bejn id-data ta' l-installazzjoi (13 ta' Lulju 1988) u d-data ta' l-incident bis-sajjetta (15 ta' Marzu 1995) ma saru ebda zidiet jew alterazzjonijiet strutturali fl-area protetta (para. 13);

(iv) L-ebda tip ta' kalamita ma tipposjedi l-kapacita li timpedixxi jew tipprevenji sajjetta milli tizviluppa u tfaqqa. Kull tip ta' kalamita ghandha l-limiti ta' protezzjoni li kapaci toffri (para. 14);

(v) F' dan il-kaz *radioactive preventor* uniku, supplit u installat fuq kampnar wiehed tal-Knisja Parrokkjali ghandu jigi meqjus li ma jkoprix zona ta' protezzjoni kontra s-sajjetti, ossija z-zona intiera okkupata mill-bini tal-Knisja. Skond il-perit relatur l-Knisja kienet

tirrikjedi tliet *lightning rods* imwahhlin fuq il-quccata tal-koppla u tal-kampnari (para. 15 u 21);

(vi) Il-metall ta’ l-armar ghall-htigijiet tax-xoghol li kien qed isir mill-kuntrattur ftit li xejn seta’ kellu effett fuq l-andament tas-sajjetta peress illi l-quccata ta’ l-armar kienet distanti mill-quccata tal-kampnar u, inoltre, lanqas ma rrizulta li kien sehh xi *flashover* bejn l-armar u l-kalamita jew xi parti tac-cirkwit taghha bhal ma hu d-*down conductor* (para. 26);

(vii) Ix-xoghol ta’ installazzjoni mis-socjeta` konvenuta sar skond l-arti u s-sengha u l-istruzzjonijiet tal-manifattur (para 24);

(viii) Dan l-appalt ma kienx regolat minn kuntratt *ad hoc* izda sar ghab-bazi ta’ *survey*, parir u stima illi d-ditta konvenuta ghamlet u offriet lill-Kappillan. Konsegwentement, l-espert tekniku jadduci illi r-rakkomandazzjoni maghmula minn din id-ditta ma kienetx adegwata u idoneja biex tilqa’ u tassorbi s-sajjetta u tipprotegi l-bini tal-Knisja (para. 22);

In aggunta, l-istess konsulent tekniku nominat mill-Qorti jirrikonoxxi illi sas-sena ta’ l-installazzjoni (1988) kienet ghadha tezisti polemika bejn l-esperti u x-xjenzati f’ dan il-kamp dwar l-effettivita u s-sigurta` illi t-tip ta’ sistema installata setghet toffri. Huwa jirrikonoxxi wkoll fil-kors ta’ l-eskussjoni illi l-kalamita *radioactive* installata ma kienetx hazina izda, fuq l-opinjoni tieghu, kien ikun aktar vantaggjuz illi minflok wahda jsiru tliet kalamiti fil-Knisja partikulari;

Hu sew evidenti mill-premess illi l-materja involuta tinvolvi accertamenti teknici kumplessi rivolti ghar-ricerka u l-akkwist ta’ l-elementi idoneji ghal skop ta’ valutazzjoni dwarhom. Naturalment, l-ezercizzju maghmul mill-espert tekniku jinvolvi konsiderazzjonijiet bazati fuq diskrezzjonalita` teknika tal-materja u konsegwentement il-gudizzju tieghu hu rizervat dejjem lill-gudikant biex dan

jissottraji minnu l-ezistenza ta' l-obbligazzjonijiet a kariku tal-parti fil-kawza u l-htija, o meno, ta' l-inadempiment taghha. Naturalment, ukoll, in kwantu fl-ordinament processwali taghna jvigi l-principju _judex peritus peritorum_, hu konsentit lill-gudikant li jiddizattendi l-argomenti teknici zvolti mill-espert tekniku fir-relazzjoni tieghu meta dawn ma jsibux riskontru mal-konvinzjonijiet tieghu nnifsu (Artikolu 681, Kapitolu 12). Jinsab kawtelat, pero`, illi l-gudikant ma jistax facilment jiddissenti mill-parir tekniku sottomess fejn ma jirriskontra ebda gustifikazzjoni biex hekk jaghmel u l-perizja ma tirrizultalux deficejnti fir-rigward tal-kriterji ta' valutazzjoni adottati. Aktar u aktar, fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija b' talba (jew l-insistenza taghha, kif inhu l-kaz hawnhekk) ghal hatra ta' periti addizzjonali, jew fejn l-opinjoni ta' l-espert ma tkunx sew ikkuntrastata b' ragunijiet li gravement iqeghdu fid-dubbju dik il-fehma teknika tieghu. Ara "**Giswarda Bugeja *et* -vs- Emmanuele Muscat *et***", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967 u "**Philip Grima -vs- Carmelo Mamo *et nomine***", Appell, 29 ta' Mejju 1998;

Din il-Qorti tirrikonoxxi illi mill-ottika purament teknika, il-valutazzjonijiet ta' l-espert taghha jistghu wkoll forsi jitqiesu konvincenti u kondivizibbli, gjaladarba ma ghandha ebda opinjoni teknika kuntrarja li ggeghla ma tuniformax ruhha maghhom. Ciononostante, tibqa' l-problema guridika jekk il-valutazzjonijiet u l-accertamenti teknici maghmula humiex influwenti ghall-premessi tat-talbiet formulati mill-attur *nomine* u ghandhomx jitqiesu attinenti ghall-qalba ta' l-azzjoni. Dan qed jigi rilevat ghaliex donnu l-perit tekniku ma jikkwerelax l-inidonjeta tal-kalamita *ut sic* izda l-fatt tar-rakkomandazzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta li pproponiet t-twahhil ta' kalamita wahda minflok tlieta u kien dan is-suggeriment u parir li gab li s-sistema installata ma kienetx sufficjentement effettiva bhala protezzjoni kontra s-sajjetti u, konsegwentement, ghall-estensjoni tal-binja tal-knisja, ma kienx hemm "*cone of protection*" adegwata;

Distintement, invece, l-attur *nomine* jirpoza l-kontenzjoni tieghu fuq il-konsiderazzjoni illi l-Preventor installat ma kienx adattat (ara l-premessi ghat-talbiet) u, effetivament fl-ispjega li jaghti ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjonijiet imqanqla mill-kontroparti, jikkolloka l-azzjoni esperita minnu bhala wahda konnessa mad-"deformita` tal-kwalita`" ta' l-apparat komprat. Anke l-gurisprudenza minnu citata b' sostenn tindirizza ruhha markatament fuq din ix-xorta ta' azzjoni. Ara n-Nota tieghu ta' sottomissjonijiet a fol. 21. Jikkonsegwi mit-termini tal-precizazzjoni fornita mill-attur innifsu illi l-oggett tal-pretensjoni tieghu hu mqieghed f' rapport mal-vendita tal-kalamita, u mhux ukoll dik tar-rakkomandazzjoni inezatta ri-entranti fl-ambitu tat-tutela generali kontrattwali li taghha l-perit relatur isib kolpevoli lis-socjeta` konvenuta;

Hu pacifiku illi l-inadegwatezza jew id-difformita tal-haga ghal funzjoni tipika intiza tillegittima l-ezercizzju tat-tutela li l-istitut tal-bejgh taht il-Kodici Civili taghna jindikaha f' termini ta' garanzija ghall-vizzju redibitorju jew dik tal-mankanza tal-kwalita. Hekk ir-rimedji spettanti lix-xerrej huma tradizzjonalment dawk ta' l-azzjoni ta' rizoluzzjoni tal-ftehim (fil-kaz ta' mankanza tal-kwalita fil-mument tal-kunsinna; fil-kaz ta' difett mohbi fl-oggett wara r-recezzjoni tieghu) jew tar-riduzzjoni fil-prezz. Dan kemm fil-kaz ta' nuqqas fil-kwalita` tal-haga jew mhux skond il-kampjun, kif ukoll bl-azzjoni aestimatorja fil-kaz ta' vizzju latenti. Kif senjalat, ir-rimedju wiehed ma jistax jigi konfuz ma' l-iehor u lanqas ma jistghu jigu eskogitati rimedji ohra li l-ligi ma tipprevalix kontra l-inadempjenza kontrattwali tal-venditur. Ara "**John Mary Dalli *nomine* -vs- Grezzju Patiniott**", Appell, 19 ta' Mejju 2000;

Dan kollu qed jigi sottomess ghaliex mill-korp tat-talbiet l-attur *nomine* ma jidherx li ghazel wiehed mir-rimedji accennati izda minflok u b' mod awtonomu talab id-danni rizarcitorji, ankorke hu stess, kif gja espost, jargina l-azzjoni tieghu fuq il-presuppost tad-difformita ta' l-oggett. Din il-Qorti ma tistax ma tisqarrx, in parentesi, illi, skond il-fehma taghha, l-inseriment tat-tutela lix-xerrej ghall-vizzji

jew mankanza tal-kwalita` fit-tema generali tar-responsabilita kontrattwali ma ghandux jezawrixxi ruhu fit-termini ta' impostazzjoni dommatika illi teskludi l-azzjoni ghad-danni skond il-principju generali tad-dritt in tema ta' obbligazzjonijiet, ex-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili. Forsi wasal iz-zmien illi wiehed jissupera l-formula tal-Kodici taghna li jillimita d-dannu a kariku tal-venditur ta' mala fede [Artikolu 1429 (1)] u jallarga l-area tar-rimedji billi l-legislatur jintroduci bhala rimedju distint id-disposizzjoni normattiva tal-Kodici Civili Taljan (Artikolu 1494 tieghu) li jimponi fuq il-venditur ir-rizarciment tad-danni. Dan anke permezz ta' azzjoni awtonoma. Jinghad mit-trattista **C. Massimo Bianca** ("**La Vendita e la Permuta**", Vol. VII, Ed. 1972, pagna 867) "*ora secondo la regola comune si ammette che il creditore possa limitarsi a chiedere il risarcimento del danno causato dall' inadempimento. Deve quindi coerentemente ammettersi che di fronte all' inesatto adempimento della prestazione traslativa imputabile al venditore, il compratore possa far valere la sua pretesa risarcitoria anche senza esercitare i distinti rimedi della risoluzione del contratto o della riduzione del prezzo. Una diversa soluzione che negasse al compratore la possibilita` di chiedere il solo risarcimento del danno, presupporrebbe l' idea della 'garanzia' come una regola speciale ed esclusiva, tale da sottrarre la vendita al comune regime contrattuale.*" Mill-indirizz gurisprudenzjali tal-Qrati taghna ma jidherx li dan hu possibbli in kwantu ghadhom jigu segwiti b' mod esklussiv il-forom tradizzjonali persistenti tas-soluzzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 1390 u 1424 tal-Kodici Civili. Ara "**Joseph Vassallo *et* -vs- Antonio Borg**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

Issa, u apparti s-suesposta konsiderazzjoni maghmula, l-azzjonijiet kollha, kemm jekk si tratta minn dik redibitorja jew ta' mankanza tal-kwalita kif ukoll dik tad-danni jipprevalu sakemm ma jinstabx jew ma jkunx determinat illi interveniet id-dekadenza jew il-preskrizzjoni taghhom. Fir-rigward is-socjeta` konvenuta tiffoka l-attenzjoni fuq il-provvedimenti ta' l-Artikolu 1431 (1), 1407 u 2156 tal-Kapitolu 16;

Ta’ l-ewwel [Artikolu 1431 (1)] huwa certament eskluz in kwantu jekk, kif pretiz mill-attur *nomine*, l-oggett ma huwiex konformi ghal ftehim u hu difformi fil-kwalita l-vizzju redibitorju u t-teorija relattiva ma humiex applikabbli (**Kollez. Vol. XXXI I p 647**). Tat-tieni (Artikolu 1407) jittratta dwar preskrizzjoni ta’ sentejn u, apparti li din “*piu di una prescrizione costituisce una decadenza o una perenzione*” (**Kollez. Vol. XXIV P II p 629**), hi dekorribbli “minn dakinhar tal-kuntratt”. Ta’ l-ahhar (Artikolu 2156) titratta minn preskrizzjoni kwinkwennali anke jekk is-socjeta` konvenuta ma tidentifikax, kif suppost, liema wiehed mill-hames subincizi hu dak li jghodd. Ankorke dan kien applikabbli, it-terminu tal-preskrizzjoni estintiv ta’ l-azzjoni ma jistax jitqies li kien sospiz ghat-tul taz-zmien (7 snin) li fih l-attur nomine ma kienx jaf li l-kalamita ma kienetx adatta. Dan ghaliex, kif saput, “*il principio ‘contra non valentem agere non currit prescriptio’ si riferisce agli ostacoli legali che impediscono al proprietario o al creditore di agire, e non gia ancora all’ ignoranza dei proprii diritti*” (**Kollez. Vol. XXIV P I p 388**). Fil-kaz prezenti ma jirrizultax li kien jezisti xi impediment legali. Jinsab ipprecizat, imbaghad, “*che pertanto non avendo la legge nostra stabilito che il tempo utile della prescrizione dovesse incominciare dal giorno della notizia del danno, e non avendo riprodotto la relativa disposizione contenuta nel citato articolo del Codice Civile Austriaco, è uopo ritenere che tale prescrizione debba, secondo i principii generali del diritto, incominciare dal giorno in cui il fatto illecito dal quale il danno sarebbe derivato, fu posto in essere*” (**Kollez. Vol. XVII P I p 151**). Ghalkemm din l-ahhar accennata decizjoni kienet tirreferi ghall-azzjoni ghar-rizarciment ta’ danni akwiljani, gie dedott mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri illi “ma jidher li hemm l-ebda raguni ghaliex l-istess insenjament m’ ghandux jigi applikat ukoll fil-kaz ta’ azzjoni ghar-rizarciment tad-danni *ex-contractu*, fejn ukoll il-ligi ma tiddisponix espressament li t-terminu preskrittiv kellu jibda jiddekorri *a die scientiae*” (“**Raphael Micallef -vs- Anthony Agius**”, 6 ta’ Ottubru 2000);

Thares minn fejn thares lejha, kemm a norma ta’ l-Artikolu 1407 (li jidher li hi l-azzjoni intiza mill-attur *nomine* f’ kombinazzjoni ma’ l-Artikolu 1390) kemm skond l-Artikolu 2156, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tirnexxi. Il-bejgh u l-installazzjoni saru fl-1988 mentri l-azzjoni saret fl-1995. Dan s’ intendi u apparti l-konsiderazzjoni illi, kif gja affermat, ma jidherx fuq ir-rilevanza tal-perit relatur illi l-kalamita nnifisha kienet nieqsa minn xi kwalita essenzjali, ossija dak l-attribut li fih hi espressa l-adegwatezza normali ta’ l-oggett ghal funzjoni tipika tieghu.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi fis-sens tal-konsiderazzjonijiet maghmula fil-mertu kif ukoll bl-akkoljiment ta’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a norma ta’ l-Artikolu 1407 tal-Kodici Civili tichad it-talbiet kollha ta’ l-attur *nomine*, bl-ispejjez kollha gudizzjarji jitbatew minnu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------